**152. L-Onor. Josè A Herrera ppropona:**

Minħabba li fis-Seduta Numru 348 ta' l-14 ta' Lulju 2000 tal-Kamra tad-Deputati ġie mqiegħed fuq il-Mejda ta' l-istess Kamra Avviż Legali Numru 124 intitolat *Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta,* liema regolamenti saru bis-saħħa tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, u liema regolamenti saru mill-Ministru tal-Finanzi;

Billi dawn ir-regolamenti huma r-*Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta* u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-istatut li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab fl-Att dwar il-Borża ta' Malta;

Billi skond ir-Regolament 2(3) minnufih wara t-tifsira ta' kulleġġ għandu jiżdied dan li ġej:

> *"Organizzazzjoni għal Servizzi Finanzjarji" tfisser:*
>
> *(a) persuna li jkollha:*
>
> *(1) liċenzja valida ta' servizzi għal investiment skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment; jew*
>
> *(2) liċenzja għall-ġestjoni tal-kummerċ bankarju skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; jew*
>
> *(3) liċenzja skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji,*
>
> *jew*
>
> *(b) persuna li tkun awtorizzata li tiġġestixxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.";*

Billi huwa minnu li skond il-liġi, senjatament l-artikolu 8 ta' Kap. 345 tal-Liġijiet ta' Malta l-Ministru għandu dritt li jagħmel regolamenti sabiex ibiddel dak li hemm provdut fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta;

Billi jidher ċar li l-emendi li qed isiru qed jolqtu mhux biss l-Ewwel Skeda, imma anki l-liġi fis-sustanza għaliex qed titbiddel it-tifsira ta' min jista' jkollu liċenzja sabiex jopera fil-Borża ta' Malta għaliex minflok il-kelma "individwu" issa l-liġi qed tuża l-kelma "persuna";

Billi dan issa jfisser li l-liċenzji jistgħu jingħataw ukoll lil kumpanniji u mhux lil nies individwali;

Billi l-iskop tal-leġislatur meta ġiet imfassla l-liġi dwar il-Borża ta' Malta kien li jagħti poter limitat lill-Ministru li permezz ta' regolamenti jkun jista' jagħmel tibdil żgħir ħalli l-amministrazzjoni min-naħa tal-gvern f'dan is-settur tkun waħda effiċjenti, m'hemmx dubju li l-iskop tal-leġislatur ma kienx li jagħti saħħa lill-gvern li jagħmel tibdil li jkollu implikazzjonijiet serji u estensivi mingħajr ma dawn jiġu diskussi mill-Parlament;

Billi dan kollu mhux biss jemenda r-regolamenti *ultra vires* il-liġi nnifisha imma anki jirrendi l-aġir tal-Ministru wieħed abbużiv lejn dan il-Parlament;

Billi t-tibdil propost f'tali regolamenti huwa wieħed tant radikali li ġab saħansitra reazzjoni kbira daparti tan-nies li jaħdmu f'servizzi finanzjarji;

Billi jidher ċar li dawn ir-regolamenti saru biss sabiex jiġi implimentat l-*acquis communautaire* mingħajr ma qed jagħtu widen lill-partijiet interessati f'dan is-settur;

Billi fil-fatt l-intenzjoni tal-liġi kienet sabiex il-Ministru jagħmel regolamenti biss wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Borża u wieħed kien jistenna li l-istess kunsill fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu kien iressaq ukoll il-pożizzjoni ta' dawk il-*brokers* liċenzjati;

Billi għalkemm l-Oppożizzjoni temmen li dan is-settur għandu jaġġorna ruħu ma' l-aħħar żviluppi li qed iseħħu fix-xenarju tas-servizzi finanzjarji, kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, sabiex dan jibqa' wieħed kompetittiv u jikkontribwixxi għall-ekonomija Maltija, madankollu l-Oppożizzjoni temmen li kull tibdil għandu jseħħ bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati sabiex minn tali tibdil jibbenefika kulħadd;

Billi dan kollu se jaffettwa avversament is-settur finanzjarju;

Billi skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien tmienja u għoxrin (28) jum wara li jiġu hemm imqiegħda, il-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati, dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għall-validita' ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għall-għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta;

Billi għar-raġunijiet fuq indikati din il-Kamra jidhrilha li r-Regolamenti fuq imsemmija (Avviż Legali 124 ta' l-2000) m'għandhomx jiġu fis-seħħ;

Għaldaqstant, dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla l-Avviż Legali 124 ta' l-2000, dwar Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta.

21.07.2000